120

Illum ghaxra [illegible] Novembru tal-Elf Disghamija u [illegible]sitta u tmenin.

Quddiemi [illegible]tar Dottor Alexander [illegible]eberras Trigona, u quddiem ix-xhieda [illegible]hawn taht iffirmati, minni maghrufa u li ghandhom il-kapaci[illegible]' legali, qed jidhru personalment:-

Minn naha l-wahda:- Margherita armla ta Saver Muscat, bint il-mejtin Kal[illegible] Falzon u Teresa nee Portelli imwielda u toqghod Nadur, Ghawdex, Identity Card numru 30309 (G).

U minn naha l-ohra:- Maria mart Francesco Falzon, bint il-mejtin Francesco Portelli u Rosa nee Muscat, imwielda u toqghod Nadur, Ghawdex, Identity Card numru 59025 (G) li qed tidher fuq dan l-att tant ghan-nom tagh[illegible] propju kif ukoll bhala mandatarja verbali, u ghan-nom, ta zewgha Francesco Falzon, pensionant, bin il-mejtin Michelangelo u Teresa nee Portelli imwieled u [illegible]qghod Nadur, Gozo.

U in forza ta dan l-att il-komparenti Margherita Muscat qed tbieh u tittrasferixxi favur il-komparenti l-ohra Maria Falzon li ghal isimha u ghal isem zewgha, [illegible]arti u porzioni ugwali bejniethom taccetta, tixtri u takkwista is-segwenti porzionijiet divizi[illegible] cioe':-

A. Mir-raba' imsejjah "tal-Lipp" fi Trieq San Blas, Nadur, Ghawdex, li jinsab delineat u kulurit fil pjanta GV hawn annessa fejn hemm inkorporata parti mis-survey sheet relative; u cioe' :-

1. Porzjoni diviza mill-imsemmi raba, tal-kejl ta madwar tlieta u disghajn metri kwadri u tmiss mit-tramuntana ma beni ohra tal-venditrici u mil vant mil punent ma beni tal-werrieta ta Ganni Camilleri soggetta ghal tliet soldi u nofs, jigifieri centezmu u hames millezmi cens annwu perpetwu, tintlahaq minn fuq sagg fir-raba, kulurita jew ahjar delineata bl-isfar fil pianta GV fuq imsemmija u markata bl-ittra A numru wiehed;

2. Porzjoni ohra diviza mill-istess raba, tal-kejl ta madwar elf mitejn u erbgha u hamsin metri kwadri, forma ta ittra L, tmiss mit-tramuntana in parti ma beni ta Francesco Falzon u in parti ma beni ta Giuseppe Muscat, mil vant ma beni ta Francesco Falzon, u mil punent in parti mat-triq ta Wied Bingemma u in parti ma beni ta Francesco Falzon, delineata kannella fil pianta GV fuq imsemmija u markata bl-ittra A numru tnejn.

3. Porzjoni ohra diviza mill-istess raba, tal-kejl ta madwar disghamija u sebgha u tletin metri kwadri, ta forma ta ittra L, tmiss mit-tramuntana ma beni ta Giuseppe Muscat, mil punent ma beni ta Francesco Falzon, u mil grigal in parti ma beni ta Giuseppe Muscat u in parti ma beni ta Francesco Falzon soggetta ghal passagg bir-rigel, delineata bl-ahmar fil pianta GV fuq imsemmija u markata bl-ittra A numru tlieta.